**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Priscilla Caruana Lee**

**vs**

**Mohammad Ibrahim**

**Seduta: Distrett Valletta**

**Illum 16 ta' Gunju, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mohammad Ibrahim** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 9001443 (A) billi huwa akkuzat talli talli fil-5 ta' Gunju 2017 gewwa l-Furjana u l-Belt Valletta b'diversi atti maghmulin, f' hinijiet different fil-gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u liema atti gew maghmula b'rezoluzjoni wahda:

1. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mahmud Giuma El Saadi hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Ryan Grech med. no. 5745 mic-Centru tas-Sahha l-Furjana u certifikat mahrug minn Dr. Andrew

M. Dimech med. No. 5723 mill-Isptar Mater Dei dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorti jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal- artiklu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Ukoll talli hebb kontra Mahmud Giuma El Saadi sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Mahmud Giuma El Saadi biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

U akkuzat ukoll talli fil-5 ta' Gunju 2017 ghall-habta 20:50 hrs gewwa l-Belt Valletta u f' dawn il-Gzejjer:

6. Waqt li kien qed jigi skortat mill-pulizija barra l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt, ikkommetta harba semplici u dan bi ksur tal-Artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe par manetti liema hsara ma teccedix t-tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u dan ghad

detriment tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 325 1 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

8. U aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D nhar it-30 ta' Jannar 2017 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza hekk kif mghotija nhar it-30 ta' Jannar 2017, mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel ai termini tal-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta` Mahmud Giuma El Saadi jew biex tinzam l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta` protezzjoni tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta` vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F' kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat li huwa recediv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, li saret definittiva u ghaldaqstant ma' tistax tinbidel.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, u cioe′ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b′mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta′ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga′ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m′ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta′ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu hlief ghar-raba′ imputazzjoni li ma tirrizultax.

IL-"MISTIEDNA" U L-ORDNI PUBBLIKU

Il-Qorti terga′ taghmel referenza ghas-sentenza taghha tas-17 ta′ Jannar 2017 Il-**Pulizija vs Meriam Abdussalam Mouaddea** u ttenni li min ikun f'pajjizna bhala mistieden, hux ghall-vaganza, ghan-negozju, ghax-xoghol, ghall-istudju jew jekk persuna jinghata xi forma ta′ protezzjoni ma jimxix b′mod strett mal-ligijiet ta′ pajjizna.

Huma l-minoranza assoluta tal-"mistiedna" fostna li jigu jaqghu u jqumu mil-ligijiet ta′ pajjizna. Patti chiari, amicizia lunga. Nilqghuk fostna u nkomplu nibnu r-reputazzjoni madwar id-dinja fejn dan il-poplu

naghtha certifikat "wrewna qalb tajba li ma bhalha"[1], izda trid tirrispetta l-ligijiet ta' pajjizna. Dawn il-ftit qeghdin jaghmlu hsara kbira hafna ghaliex qeghdin jitfghu dell ikrah fuq ohrajn li jghixu hajja ezemplari. Il-Qorti theggeg lill-awtoritajiet biex ma jibqux cassi quddiem sitwazzjonijiet bhal dawn u juzaw il-poter li tatihom il-ligi fl-ambitu tat-trattati internazzjonali u ma jiddejjqux jiehdu passi inkluz li jitkeccew minn pajjizna.

Kap 217 l-Att dwar l-Immigrazzjoni f'Artikolu 5 jiddefenixxi min huma l-immigranti "projbiti":

> **5.** (1) Kull persuna, li tkun waħda li ma jkollhiex id-dritt ta' dħul, jew ta' dħul u residenza, jew ta' moviment jew transitu taħt it-Taqsimiet preċedenti, tista' tiġi rifjutata milli tidħol, u jekk hija tiżbarka jew tkun qegħda f'Malta mingħajr il-permess tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, hija tkun immigrant projbit.
>
> (2) Anke jekk tkun niżlet l-art jew tkun f'Malta bil-permess tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jew tkun ingħatat permess għal residenza, persuna tkun, kemm-il darba ma tkunx eżentata taħt dan l-Att minn xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin jew ikunu japplikaw dwaru regoli speċjali taħt id-disposizzjonijet ta' qabel ta' dan l-Att, immigrant projbit ukoll -

[1] Atti 28:2

(*a*) jekk ma tkunx tista' turi illi għandha l-mezzi biex tmantni lilha nnifisha u lid-dipendenti tagħha (jekk ikollha) jew jekk ikun hemm probabbiltà li hi jew xi ħadd mid-dipendenti tagħha ser ikunu ta' spiża għal kariga tal-fond pubbliku; jew

(*b*) jekk tkun tbati minn diżordni mentali jew tkun mentalment defiċjenti; jew

(*c*) jekk, meta tkun niżlet l-art f'Malta skont jew taħt xi regolament magħmul bis-saħħa tal-artikoli 44 u/jew 50 tal-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, tkun għada f'Malta wara li jgħaddu ħmistax-il jum mill-jum li fih is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jkun iċċertifika bil-miktub illi l-permanenza ta' dik il-persuna f'Malta mhix iżjed meħtieġa skont u għall-iskop ta' dawk ir- regolamenti; jew

(*d*) jekk tinstab ħatja minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali f'Malta ta' reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil- Prostituzzjoni jew tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew ta' xi delitt, minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna, li fil-każ tal-ewwel delitt ikun kommess minn dik il- persuna suġġett għal piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sena jew, fil-każ tat-tieni delitt jew delitt sussegwenti kommess mill-istess persuna, ikun suġġett għal piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur; jew

(*e*) jekk tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att

jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu; jew
(*f*) jekk ma tħarisx jew ma tibqax tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet, inkluża kondizzjoni mifhuma, li taħthom tkun ingħatat permess li tinżel l-art jew li tinżel l-art u tibqa' f'Malta jew tkun ingħatat permess għal residenza; jew
(*g*) jekk xi ċirkostanza li wasslet għall-għoti ta' permess biex tinżel l-art jew biex tinżel l-art u tibqa' f'Malta jew għall-estensjoni ta' dak il-permess jew għall-għoti ta' permess għal residenza, ma tibqax teżisti; jew
(*h*) jekk dik il-persuna tkun prostituta; jew
(*i*) jekk tkun dipendenti ta' persuna li hija immigrant projbit skont xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan is- subartikolu.

Kap. 420 l-Att dwar ir-Refugjati, Artikolu 10 (2) jipprovdi li l-Ministru jista' jirrevoka jew jichad milli jġedded il-protezzjoni moghtija lil refugjat meta:

1. (a) jkun hemm raġunijiet validi biex jikkunsidrah bhala perikolu ghas- sigurezza ta' Malta;
2. (b) billi jkun instab hati b'sentenza li tkun dahlet f'ġudikat ta'xi reat li jkun wiehed partikolarment gravi, huwa jkun ta' periklu ghall-komunità f'Malta.

Artikolu 11(1) jipprovdi li l-Ministru jista' jordna t-tkeccija minn Malta ta' refugjat jew persuni moghtija protezzjoni sussidjarja abbazi tas-sigurezza nazzjonali jew l-ordni pubbliku.

Artikolu 17(1) jghid li perusna hija eskluza milli tkun eligibbli ghal protezzjoni sussidjarja meta jkun hemm raġunijiet gravi biex jiġi kkunsidrat li:

> (d) hija tkun ta' periklu ghall-komunita jew ghas-sigurezzata'Malta:

Dan kien trattat ukoll fil-Qorti Ewropea ta' Lussimburgu fejn fil-kaz **H. T. V Land Baden-Wurttemberg**[2] deciz fl-24 June 2015 ntqal li

> Council Directive 2004/83/EC of 29 April 2004 on minimum standards for the qualification and status of third country nationals or stateless persons as refugees or as persons who otherwise need international protection and the content of the protection granted must be interpreted as meaning that a residence permit, once granted to a refugee, may be revoked, either pursuant to Article 24(1) of that directive, where there are compelling reasons of national security or public order within the meaning of that provision, or pursuant to Article 21(3) of that directive, where there are reasons to apply the derogation from the principle of non-refoulement laid down in Article 21(2) of the same directive.

[2] Case C-373/13 - REQUEST for a preliminary ruling under Article 267 TFEU from the from the Verwaltungsgerichtshof Fl-istessBaden-Wurttemberg (Germany), made by decision of 27 May 2013, received at the Court on 2 July 2013

Fl-istess decizjoni l-Qorti reghet spjegat dwar l-interpretazzjoni ta' x'jikkostitwixxi bhal sigurta' pubblika u ordni pubbliku kif imnizzla f'Artikoli 27 u 28 tad- Direttiva 2004/38.

> "However, the Court has already had an opportunity to interpret the concepts of 'public security' and 'public order' contained in Articles 27 and 28 of Directive 2004/38. While that directive pursues different objectives to those pursued by Directive 2004/83 and Member States retain the freedom to determine the requirements of public policy and public security in accordance with their national needs, which can vary from one Member State to another and from one era to another (judgment in I., C-348/09, EU:C:2012:300, paragraph 23 and the case- law cited), the extent of the protection a company intends to afford to its fundamental interests cannot vary depending on the legal status of the person that undermines those interests.
>
> Therefore, in order to interpret the concept of 'compelling reasons of national security or public order' contained in Article 24(1) of Directive 2004/83, it should first be taken into account that it has already been held that the concept of 'public security' contained in Article 28(3) of Directive 2004/38 covers both a Member State's internal and external security (see, inter alia, judgment in**Tsakouridis**, C-145/09, EU:C:2010:708, paragraph 43 and the case-law cited) and that, consequently, a threat to the functioning of the

institutions and essential public services and the survival of the population, as well as the risk of a serious disturbance to foreign relations or to peaceful coexistence of nations, or a risk to military interests, may affect public security (judgment in **Tsakouridis**, C-145/09, EU:C:2010:708, paragraph 44). In addition, the Court has also held, in that context, that the concept of 'imperative grounds of public security' contained in Article28(3) presupposes not only the existence of a threat to public security, but also that such a threat is of a particularly high degree of seriousness, as is reflected by the use of the words 'imperative reasons' (judgment in **Tsakouridis**, C-145/09, EU:C:2010:708, paragraph 41).

Next, it is important to note that the concept of 'public order' contained in Directive 2004/38, in particular in Articles 27 and 28 thereof, has been interpreted in the case-law of the Court as meaning that recourse to that concept presupposes, in any event, the existence, in addition to the perturbation of the social order which any infringement of the law involves, of a genuine, present and sufficiently serious threat affecting one of the fundamental interests of society (see, to that effect, judgment in **Byankov**, C-249/11, EU:C:2012:608, paragraph 40 and the case-law cited)."

**Ikkunsidrat;**

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli indikati nkluz Artikoli 151,221, 325(1)(d), 338(d), 338(dd) tal-Kap 9 u Artikolu 6 tal-Kap 480 issib lill-imputat hati u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

In konkluzzjoni l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghed

isir ghal perjodu ta' tliet (3) snin bil kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' trattament b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal- probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-hati.

*Inoltre,* b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum fejn il-persuna protetta huwa Mahmud Giuma El Sadi.

Il-Qorti tordna l-konfiska tas-sikkina esebita fl-atti.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**